**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TAL-GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Illum: 2 ta' Ottubru 2015**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Nathan Camilleri**
**(ID 85494(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Nathan Camilleri ta' 32 sena, iben Joseph u Shirley nee` Exly, imwieled l-Ingilterra, fl-20 ta' Settembru 1976 u joqghod 53, Triq San Gwann, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 85494(M);

Akkuzat talli fil-25 ta' Ottubru 2007, ghall-habta tal-5.00 a.m., bhala l-persuna li f'ismu ghandu l-licenzja tal-hanut Boozer Bar li jinsab fi Triq il-Kbira, San Guzepp, Hamrun:

(1) Zamm jew ippermetta li jinzamm l-imsemmi hanut miftuh wara l-hin tal-eghluq u mhux skond il-kundizzjonijiet tal-licenza tal-imsemmi hanut;

(2) U aktar zamm, opera jew halla li jinzammu jew jigu operati tliet magni tal-loghob li ma kinux licenzjati mill-awtorita` kompetenti, meta din il-licenzja hija mehtiega minn ligi jew regolamenti maghmulin mill-awtorita` kompetenti bis-sahha ta' dik il-ligi;

(3) U aktar talli rrenda ruhu recidiv b'sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna l-iskwalifika tal-licenza tal-imsemmi stabbiliment.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat:**

L-imputat gie akkuzat fl-ewwel lok talli zamm jew ippermetta li jinzamm hanut miftuh wara l-hin tal-eghluq bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenza tal-imsemmi hanut u dan b'referenza ghall-25 ta' Ottubru 2007, ghall-habta tal-5.00 a.m. Mill-affidavit ta' PS 1195 C. Debattista, jirrizulta illi l-Ghassa tal-Hamrun irceviet rapport illi l-hanut in kwistjoni kien ghadu miftuh u li l-muzika kienet qeghda ddejjaq lill-girien fil-<u>25 ta' Ottubru 2008</u> u li kien ghalhekk illi l-imsemmi PS 1195 C. Debattista mar fuq il-post. Stante illi din l-imputazzjoni tirreferi specifikatament ghall-25 ta' Ottubru 2007 u mhux ghall-25 ta' Ottubru 2008, isegwi illi din l-ewwel imputazzjoni ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, imbaghad, apparti li anke din tirreferi specifikatament ghall-25 ta' Ottubru 2007 u mhux ghall-25 ta' Ottubru 2008, il-Qorti tinnota illi l-Prosekuzzjoni ma esebietx il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kapitolu 400. Skond dan l-Artikolu, l-ebda procediment dwar reat taht l-imsemmi Att, m'ghandu jinbeda minghajr il-permess tal-Avukat Generali. Sal-lum, il-Qorti ghadha sprovvista minn din is-sanzjoni. Isegwi ghalhekk illi l-Prosekuzzjoni ma setghetx tmexxi bi proceduri kontra l-imputat ai termini tal-Kapitolu 400 fin-nuqqas ta' din is-sanzjoni u wisq inqas tista' l-Qorti tiehu konjizzjoni ta' din l-imputazzjoni.

Fir-rigward tal-ahhar imputazzjoni ossia tal-addebitu tar-recidiva, la darba l-Qorti m'hijiex qed issib l-ebda reita` fl-imputat, isegwi li ma tistax issibu hati ta' dan l-addebitu.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnhom, fil-waqt illi qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat